PDF Compressor Pro



Il-Banda Viżitazzjoni mill-Pjazza tal-Knisja Bażilika fi triqtha lejn il-Knisja taż-Żejt, takkumpanja b'daqq ta' marċi l-qniepen il-ġodda

Ifakkru l-ewwel sena ta' ħidma

Ix-*Xagħra Scout Group* fakkru egħluq l-ewwel sena mir-riattivazzjoni tiegħu. Dan sar bħala parti mill-festi ċentinarji marbuta ma' San Ġwann Bosco patrun taż-żgħażagħ.

Iċ-ċerimonja bdiet b'parata miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ sal-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, fejn l-Arċipriet u ċ-*Chaplain* tal-Grupp Mons. Carmelo Refalo mexxa quddiesa konċelebrata ta' Radd il-Ħajr flimkien ma' Fr. Jesmond Gauci.

L-Arċipriet wara li għamel l-omelija dwar il-Vanġelu tal-ġurnata, introduċa tliet leaders tal-Grupp, Josmar Azzopardi (Akela), Daniela Sultana (Raksha) u Loraine Borg (Chil), li lkoll taw tifsira mill-esperjenza tagħhom tal-wegħda tal-iScouts, jiġifieri, kif fil-kuntest tal-Vanġelu li nqara dak inhar, qed jaqdu dmirhom lejn Alla, lejn Art Tweli-dhom u li jgħinu lil ħaddieħor f'kull ħin.

Qabel il-Kredu il-Grupp *Scout Leader* Vincent Vella mexxa wkoll iċ-ċerimonja tat-tiġdid tal-wegħda ta' lealtà lill-75 membru preżenti.

Imbagħad waqt l-offertorju ttella' u tpoġġa bukkett fjuri bojod quddiem l-istatwa ta' Marija Bambina bħala ringrazzjament ta' dan l-ewwel Anniversarju.



Il-Grupp Scout Leader Vincent Vella jidher imexxi ċ-ċerimonja tat-tiġdid tal-wegħda ta' lealtà lil-75 *Scout* preżenti. Jidher ukoll Fr Jesmond Gauci




Waqt it-tlugħ tal-offerti. L-aħwa Julie u Deborah Sultana jwasslu fuq l-artal banner magħmula għall-okkażjoni ta' dan l-ewwel anniversarju mill-membri kollha tax-Xagħra Scout Group. Jidhru qegħdin jiġu milqugħa mill-Arċipriet tal-Parroċċa Carmelo Refalo



Ix-Xagħra Scout Group fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, idoqq waħda mill-qniepen

Qniepen ġodda għall-Knisja taż-Żejt

Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex bierek żewġ qniepen ġodda għall-Knisja taż-Żejt fl-Għarb.

Waħda minn dawn il-qniepen ser tieħu post iż-żgħira nota *Mi* li għandha ħsarat estensivi u l-oħra bin-nota *Re* ser tingħaqad malkumplament sabiex il-kampnar jibda jospita tliet qniepen flok tnejn. Iż-żewġ benefatturi huma Mons. Benedict Camilleri u s-Sindku tal-lokalità tal-Għarb, David Apap.

Il-qniepen ingħataw l-ismijiet ta' Vincenza u ta' Maria Karmena.

Saru diversi diskorsi fosthom minn Mons. Isqof Cauchi u mir-Rettur tal-Knisja l-Kanonku Akille Cauchi kif ukoll mis-Sindku Apap u minn Jesmond Mercieca f'isem Mons. Benedict Camilleri li jinsab fuq ħidma pastorali fl-Awstralja.

Joseph Cassar qara poeżija li ġġib l-isem ta' Doqqu Qniepen Doqqu, kitba ta' Raymond Grech.

Il-qniepen inġarru fuq trakk f'korteo bis-sehem tal-Banda Viżitazzjoni, mill-Knisja Parrokkjali ta' Santa Eliżabbetta.

Il-programm tmexxa minn Alison Refalo.



Joseph Cassar



Raymond Mercieca

For all your insurance needs:
Superannuation, Rollovers and Investments
AMP FINANCIAL CENTRE
Proprietor: Charles Agius Pty. Ltd.
A 64 003 141 562



- **Charles has been a top performing financial planner with AMP for 25 years**
- **Also advice on investment and all types of insurance**

AMP

- ***Ring now for confidental analysis on pension entitlement.***

AMP can help you NOW
111, Main Street, Blacktown NSW
Tel. No. 9672 4558 or 9672 4800

PDF Compressor Pro

L-attivitajiet ta' Lejlet Lapsi f'Għawdex

Kitba u ritratti ta' Charles Spiteri

Il-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Ġorġ Abela, l-Ġimgħa 22 ta' Mejju filgħodu, fetaħ uffiċjalment l-attivitajiet tat-tieni edizzjoni Lejlet Lapsi, *Notte Gozitana* li saru f'Għawdex fuq medda ta' tliet ijiem, sal-Ħadd 24 ta' Mejju.

Fi Pjazza San Franġisk, l-Eċċ. Tiegħu l-President ingħata merħba bi spettaklu mill-Isbandieratori. Hawnhekk l-Eċċ. Tiegħu daħal fis-sala tal-wirjiet fil-Ministeru għal Għawdex fejn ġie mdawwar malwirja 'Teżori t'Għawdex fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta' minn John Cremona.

Wara l-Eċċ. Tieghu l-President Abela, akkumpanjat mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono flimkien ma' diversi ambaxxaturi barranin akkreditati għal Malta, imxew minn Pjazza San Franġisk saċ-Cittadella, b'waqfiet kontinwi kemm biex isellmu lill-pubbliku kif ukoll biex jaraw l-attività li kienet għaddejja.

Saret żjara fil-Kurja Djoċesana fejn segwew wirja li tfakkar il-ġrajjiet pastorali tal-passat. Hawnhekk l-Eċċ. Tiegħu ltaqa' wkoll ma' Mons. Isqof Mario Grech.

Ma naqsitx żjara lill-wirja ta' skultura ta' Joe Xuereb, fil-loġġa tal-barrakka. Il-President ġie muri ukoll disinji u buzzetti mill-kollezzjoni Nazzjonali, mtella' fil-Banca Giuratale.

L-attivitajiet organizzati mill-Ministru għal Għawdex, kienu konċentrati fir-Rabat fosthom fiċ-Ċittadella. Saru kunċerti, mużika, żfin, teatru, wirjiet tal-arti, tradizzjonijiet, folklor u storja, logħob u divertiment. Ħafna kienu dawk li żaru mużewijiet u siti storiċi.

Sbandieratori Taljani taw spettaklu fit-toroq tar-Rabat matul dawn il-tlett ijiem ta' festa. Il-palkijiet ewlenin li fuqhom ittella' l-ispettaklu kienu armati fiċ-Ċittadella, f'Misraħ it-Tokk u San Ġorġ u f'Salib it-Toroq.

Wara programm varjat il-Ġimgħa 22 ta' Mejju, filgħaxija, is-Sibt l-attivitajiet bdew minn kmieni filgħodu. Anke ċ-Ċittadella nbidlet f'ċentru uniku għal diversi attivitajiet kulturali.

Is-Sibt filgħaxija fil-Venda tal-Karrozzi ġie organizzat festival mużikali, attrazzjoni partikolari għaż-żgħażagħ. L-attivitajiet kienu mifruxa mal-pjazez u t-toroq tal-belt Victoria u li għalihom attendew wkoll il-Prim Ministru Lawrence Gonzi u s-Sinjura Gonzi, flimkien mal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u s-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni Chris Said.

Il-Prim Ministru żar diversi wirjiet fi swali u spazji differenti, fosthom l-istess swar taċ-Ċittadella. Il-Prim Ministru żar ukoll iż-żewġ teatri tal-Belt Victoria qabel attenda għall-wirja ta' logħob tan-nar tal-art li saret f'Misraħ Santu Wistin.

Il-Ħadd l-attivitajiet komplew bil-kant korali fi knejjes u kappelli, parati mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, u minn gruppi oħra fosthom l-Isbandieratori minn Venezja, kif ukoll il-fiera annwali tar-rebbiegħa fil-Kumpless Ninu Cremona u l-*Gozo Motor Show* li kienet tinkorpora fiha festival ta' kant għall-kantanti lokali, organizzat minn Kerċem Ajax F.C. fil-ġonna ta' Villa Rundle.



Il-President ta' Malta George Abela qed jifraħ biċ-ċkejkna KAROLYNN ELLIS waqt il-mixja li huwa u għadd ta' personalitajiet distinti għamlu minn Pjazza San Franġisk saċ-Ċittadella fejn ġiet inawgurata l-edizzjoni ta' din is-sena tan-Notte Gozitana.



Iż-żjara tal-Granmastru Alof de Wignacourt f'Għawdex



L-E.T. il-President Abela akkumpanjat mill-Ministru Giovanna Debono u diversi Ambaxxaturi jaslu fil-Pjazza tal-Katidral, fejn l-Isbandieratori jagħtu spettaklu mill-aqwa.



Grupp ta' daqqaqa fl-entourage fit-telgħa tal-Belt, riesqa lejn iċ-Ċittadella



Annette's Mystic Dancers, wirja li saret fil-Kumpless tal-Liceo Ninu Cremona, fir-Rabat, Għawdex



The Glint of Gold, musical imtella' mill-istudenti tal-iskola Primarja tar-Rabat, Għawdex, taħt id-direzzjoni ta' George Mizzi, għalliem tad-drama u ta' Mariella Spiteri, għalliema tal-mużika.



Il-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, taħt id-direzzjoni tad-Direttur Mużikali tagħha l-Kaptan John Ivan Borg u t-Trumpet Major Warrant Officer Joseph Muscat tat ukoll sehemha sabiex dawn il-festi setgħu jirnexxu

Maltese Beer & Liqueurs Now Available in Australia



Maltese Beer



Maltese Liqueurs

For further information contact:

Rasile Global Importers P/L
Unit 1/75A Ashley Street Braybrook Ph: 03 96873655
Email: **rasileglobal@aol.com**
Web: **www.rasileglobal.com.au/shop**

D.O.M. Carrying Co. Pty Ltd

Peter Corbett
Managing Director
Allied Pickfords

Sejjer Malta u trid iġġorr?



Tony Pace

Ċempel għal kwota llum

Tel: (02) 88488111
Fax: 9636 2466
Mob: 0448 112 332

Nistgħu nippakkjawlek kollox aħna u tiffranka uġiegħ ta' ras

Head Office: Unit 1/42-44 Whyalla Place, Prestons, NSW 2170